**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020**

**Rikors nru: 283/13 AGV**

**AB**
**Vs**
**CDE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fil-31 ta' Dicembru, 2013 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni intima ma' CDE, illi frott taghha kienu twieldu F (23/02/2007) u GH (13/06/2001) ahwa B;

2. Illi r-relazzjoni intima bejn il-kontendenti kienet giet fi tmiemha definittivament fis-sena 2008 u dana stante adulterju da parti tal-intimata fil-konfront tal-esponenti;

3. Illi f'dik is-sena stess kienu nbdew proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta u fil-fatt kienet inghata sentenza parzjali datata 2 ta' Novembru, 2010 (179/08 NC) stante ftehim bejn il-kontendenti rigward il-kura u kustodja u access tat-tfal;

4. Illi sussegwentement kienet inghatat sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta datata 1 ta' Marzu, 2011 dwar il-manteniment, liema sentenza kienet giet appellata fil-Qorti tal-Appell u liema Qorti kienet ikkonfermat s-sentenza tal-Prim'Istanza nhar it-3 ta' Frar, 2012;

5. Illi r-relazzjoni intima bejn il-partijiet damet aktar minn seba' snin, illi minnhom l-esponenti kien mizmum gewwa habs fi Sqallija mill-31 ta' Mejju, 2002 sat-18 ta' Mejju, 2006. Sakemm l-esponenti kien il-habs fi Sqallija, l-intimata kienet izzuru bit-tifel GH kull tlett gimghat, tant illi F fil-fatt kienet giet koncepita waqt illi l-esponenti kien ghadu l-habs fi Sqallija.

6. Illi mar-ritorn tieghu minn Sqallija, l-esponenti kien ghex flimkien mal-intimata uliedhom u uliedha ohra minn missirijiet ohra sakemm finalment intebah illi l-intimata kellha relazzjoni intima mal-gar taghhom, certu IJ u hemm ir-relazzjoni kienet giet fi tmiemha. Illum l-intimata temmet ir-relazzjoni taghha ma' IJ ghalkemm kienet ghamlet tatwagg ta' ismu fuq idha x-xellugija.

7. Illi minkejja l-allegazzjonijiet gravi li hija dejjem ghamlet fil-konfront tal-esponenti, anke mal-Pulizija, l-intimata stess kienet qablet illi l-access ma

jkunx wiehed supervizjonat u fil-fatt kien hemm okkazzjonijiet fejn hija halliet lill-esponenti jiehu lil uliedu granet shah;

8. Illi fil-perjodu bejn it-28 ta' Dicembru, 2010 sas-6 ta' Awissu, 2012, l-esponenti kien mizmum fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin. Matul dan il-perjodju, l-intimata kienet taccedi regolarment u tiehu lil uliedu sabiex jarawh;

9. Illi minn wara li l-esponenti skonta s-sentenza gewwa l-facilita' korrettiva ta' Kordin, l-intimata bdiet taghmel minn kollox sabiex tittenta tkisser ir-relazzjoni tal-esponenti ma' uliedu GH u F ahwa B u dana stante illi hija halfet pubblikament ma' terzi u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza illi trid jew tibghatu ghal ghomru l-habs jew taht it-trab;

10. Illi peress illi l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-intimata, hija ma tinfurmah qatt dwar affarijiet u attivitajiet tal-minuri, filwaqt illi thalli lill-esponenti dejjem bil-mannara fuq rasu billi tiddeciedi hija unikament dwar l-access u fil-fatt kien hemm perjodi twal fejn minkejja s-sentenza tat-2 ta' Novembru, 2010, hija kienet itih access ghal uliedu nofs siegha inqas kull darba u tesigi illi t-tfal jittiehdu mill-esponenti mill-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia u jigu rritornati l-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia. Apparti minn hekk, minn stharrig li ghamel mill-internet jirrizulta illi l-minuri G kien qieghed ikun assenti ta' spiss mill-iskola, tant illi l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' diversi reati ai termini tal-Kap.327;

11. Illi nonostante t-tenattivi tal-intimata, l-esponenti stabbilixxa relazzjoni tajba hafna ma' uliedu u dana stante illi huwa missier iddedikat u jixtieq iqatta' hafna aktar hin maghhom u anke jraqqadhom mieghu;

12. Illi minhabba l-fedina penali tieghu, l-esponenti minkejja tentattivi kostanti, ma jistax isib impjieg bi qliegh u presentement qieghed ighix fuq beneficcju socjali fl-ammont ta' tlieta u sebghin Euros u sittin centezmu (€73.61) fil-gimgha . Huwa mhuwiex qieghed ilahhaq mal-hlas tal-manteniment u ghalhekk qed ikollu diversi sentenzi anke ta' habs mill-Qorti;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri F u GH ahwa B tkun wahda konguntiva;

2. Tordna illi l-modalita' ta' access tigi riveduta, b'mod illi:-

   - Il-hin tal-access jizdied
   - Ikun hemm ukoll sleep overs
   - Il-post minn fejn jittiehdu t-tfal u jigu ritornati ma' jkunx dejjem Birzebbugia u dana stante illi l-esponenti joqghod Santa Venera.

3. Tordna illi l-ammont mensili ta' manteniment versu l-ulied minuri tal-esponenti jigi ridott sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu.

Bl-ispejjes u l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-konvenuta fejn eccepiet**:-

1. Illi fl-ewwel lok jigi pprecizat illi minkejja li l-partijiet qatt ma kienu mizzewwgin u ghalhekk l-akkuza ta' adulterju hija ghal kollox irrilevanti

ghall-kaz odjern, l-istess akkuza hija nfondata u r-raguni li wasslet biex tintemm ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet il-hajja kriminali tar-rikorrent li minkejja li ghamel zmien il-habs qatt ma rnexxielu jirriforma ruhu.

2. Illi fit-tieni lok, l-esponent tippreciza li missier it-tlett itfal il-kbar taghha twieldu miz-zwieg taghha, filwaqt illi t-tlett itfal l-ohra twieldu mir-relazzjoni li hija kellha mal-attur, minkejja li qatt ma rrikonoxxa lill-minuri KL.

3. Illi minkejja li l-esponenti ghamlet minn kollox sabiex l-attur ikollu access adegwat ghal uliedu, inkluz KL (li huwa qatt ma rrikonoxxa) u minekjja li hija anke hadet it-tfal jarawh meta kien il-habs, l-attur baqa' johloq inkwiet u glied kull darba li jkollu access mat-tfal, tant li huwa kaxkar lit-tifel ghall-access ghax ma jkunux iridu jmorru.

4. Illi matul l-access huwa bilkemm jaghti kashom u ma jiehux hsiebhom b'mod adegwat u dan qed iwassal biex it-tfal inqas u inqas ikunu jridu jmorru ghall-access.

5. Illi l-attur mhuwiex persuna affidabbli u dan kif jidher mill-fedina penali li esebixxa huwa stess u sfortunatament jikkostitwixxi ezempju hazin ghall-ahhar ghal uliedu.

6. Illi ghalhekk certament mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-hin tal-access jizdied u inqas u inqas mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri li jorqdu ghand ir-rikorrenti.

7. Illi certament mhuwiex fl-interess tal-minuri illi l-kura u kustodja taghhhom ssir konguntiva u l-kura u kustodja ghandha tibqa' fdata esklussivament f'idejn l-esponenti hekk kif ordnat mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

8. Illi meta l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet tat l-ordni tal-manteniment, il-qaghda finanzjarja tal-konvenut, kif ukoll il-possibilitajiet tal-impjieg tieghu kienu identici ghal dawk li huma llum.

9. Tant hu hekk illi l-Onorabbli Qorti sahansitra qieset il-possibilita' jew ahjar il-probabilita' li l-konvenut ikunu qed jiskonta piena karcerarja.

10. Illi l-quantum ta' manteniment gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

11. Illi fid-dawl tas-suespost l-esponenti qed topponi t-talbiet kollha li saru mir-rikorrent.

12. Illi l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jintavola l-opportuna kawza rikonvenzjonali.

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-Kontro-Talba tal-Konvenuta** fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-intimat twieldu GB u FB li illum ghandhom 12-il sena u 6 snin rispettivament.

2. Illi fit-2 ta' Novembru, 2010 permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta, il-kura u kustodja ta' G u F

ahwa B gew fdati esklussivament f'idejn ir-rikorrenti b'access ghall-intimat.

3. Illi ftit wara li nghatat s-sentenza, l-intimat kien mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv in konnessjoni ma' proceduri kriminali li ghadhom pendenti. Illi huwa nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fis-6 ta' Awissu, 2012 u minn meta hareg huwa beda jezercita l-access.

4. Illi jirrizulta pero' li waqt l-access l-intimat qed jittraskura lit-tfal u jhallihom il-bandli wahedhom waqt li jkun qed jiehu café' l-Country Style ta' Birzebbuga, jesponihom ghall-ambjenti u sitwazzjonijiet li mhumiex xierqa, jittrattahom hazin, ikellihom hazin u sahansitra jsawwathom, partikolarment lil G. Kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn it-tfal irritornaw mill-access b'xi tbengila jew selha.

5. Illi minhabba dan kollu t-tfal jibzghu hafna minn missierhom u qeghdin juru riluttanza kbira biex imorru ghall-access, Ghalkemm l-esponenti debitament qed iwassal lit-tfal ghall-access quddiem l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia, biex tobdi l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, it-tfal qed ikollhom jigu sfurzati jmorru fost hafna biki.

6. Illi fil-5 ta' Settembru, 2013, l-intimat refa' lil F u hadha bil-forza, izda tant bkiet illi ftit minuti wara r-rikorrenti rceviet telefonata mill-Ghassa biex terga' tmur ghat-tifla. Illi fit-3 ta' Ottubru, 2014, G tant irrezista li l-intimat spicca ikaxkru minn idejh u sahansitra immarkalu idejh bit-tbengil. Dakinhar inhareg certifikat mediku. Minkejja li l-Pulizija kienu prezenti u raw dak li qed jigri qalu li ma setghu jaghmlu xejn minhabba d-digriet tal-Qorti.

7. Illi kemm il-handover tat-tfal, kif ukoll il-hin tal-access qed ikun trawmatiku hafna ghat-tfal u dan qed jirrifletti anki fil-komportament taghhom. G huwa mdejjaq hafna u fetah qalbu mal-haddiem socjali Karl Coleiro. F reggghet bdiet taghmel tahtha.

8. Illi dan qed ikun ta' inkwiet serju ghall-esponenti li minn banda trid thares l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti u mill-banda l-ohra ghandha l-obbligu li thares lit-tfal minn kull hsara.

9. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti thoss li jkun ta' gid kbir ghat-tfal jekk l-access isir taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, biex b'hekk jigi zgurat li t-tfal jitharsu minn kull hsara u sabiex ikun hemm persuna mharrga biex tiffacilita u ttejjeb r-rapport bejn it-tfal u l-intimat missierhom.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna illi l-access tal-intimat ghall-minuri G u F, ahwa B jigi ezercitat taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' AB** ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn eccepixxa illi:-

1. Illi fl-ewwel lok il-kontro-talba tal-intimata CDE mhi xejn ghajr *cut and paste* ta' rikors ipprezentat minnha stess nhar l-4 ta' Dicembru, 2013, fl-atti tal-medjazzjoni fl-ismijiet CDE vs AB.
2. Illi fit-tieni lok u b'referenza ghat-tieni paragrafu tal-kontro-talba tal-intimata CDE issir referenza ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti kif

diversament presjeduta, illi kienet ordnat li l-access ghall-minuri ikun: kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn 4.00 pm u 6. 00 pm jew kif miftiehem hin iehor, liema hin ma jeccedix sitt sieghat u kull nhar ta' Sibt jew Hadd b'mod alternanti bejn l-10.00 am sa 12,00 pm jew jekk hekk miftiehem ghal hin ta' mhux aktar minn sitt sieghat wara l-10.00 am; il-minuri ghandhom jingabru u jigu ritornati mill-pjazza ta' Birzebbugia.

3. Illi l-intimata rikonvenzjonanti ghadha sa llum tikser l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti billi hija baqghet tesigi illi l-minuri jingabru minn u jigu rritornati fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia u mhux fil-pjazza ta' Birzebbugia u sat-22 ta' Dicembru, 2013, kienet tnizzel it-tfal l-ghassa ta' Birzebbugia fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar minflok fl-erbgha ta' wara nofsinhar, biex b'hekk kienet kull darba ccahhadlu nofs siegha mill-access versu uliedu u dana stante illi hija sahqet li ghandu jibqa' jigi onorat id-digiret provizorju datat 25 ta' Gunju, 2008 u mhux is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat- 2 ta' Novembru, 2010.

4. Illi fil-fatt, sal-lum, meta l-esponenti ikollu access versu uliedu minuri, huwa jigborhom mill-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbuga u jirritornahom fl-istess ghassa.

5. Illi minhabba li l-access huwa ghall-hin qasir kull darba, l-esponenti jkollu jezercita l-access gewwa Birzebbugia stess.

6. Illi l-esponenti rikonvenzjonant jirribatti bl-aktar mod qawwi illi huwa qatt refa' idejh fuq uliedu minuri jew min minnhom, jekk ikkagunalhom feriti jew griehi waqt l-access, jew illi huwa b'xi mod ittraskurahom, halliehom wahedhom, esponiehom ghalll-ambjenti u sitwazzjonijiet li mhumiex xierqa, ittrattahom hazin, jew kellimhom hazin waqt l-access.

7. Illi l-esponenti jirribatti bl-iktar mod qawwi illi l-*hand over* tat-tfal huwa trawmatiku hafna. Fil-fatt, il-minuri jkunu kuntenti hafna meta jkollhom access ma' missierhom u dan jixduh ir-ritratti esebiti mar-rikors guramentat tieghu. L-esponenti ma jafx li bintu minuri Zuleika qatt kellha problemi li taghmel tahtha u qatt ma giet ritornata ghand ommha imxarrba b'rizultat ta' xi biza' wara l-hin tal-access.

8. Illi ghar-rigward l-allegazzjoni tal-intimat rikonvenzjonanti f'paragrafu 6 tal-kontro-talba, illi l-Pulizija li kienu prezenti ma setghu jaghmlu xejn meta l-esponenti allegatament kaxkar lil ibnu G, jinghad illi kemm ir-raguni kif ukoll il-Ligi, jitolbu li hadd ma jista' jerfa' jdejh fuq minuri, lanqas genitur, u ghalhekk, kieku l-allegazzjoni kienet wahda vertiera, zgur illi l-pulizija kienu jagixxu b'mod immedjat fil-konfront tal-esponenti.

9. Illi fil-fatt, hija l-intimata rikonvenzjonanti illi taghmel minn kollox biex ixxekkel ir-relazzjoni tajba tal-esponenti ma' uliedu. Fil-fatt, hija ammettiet ma' diversi hbieb komuni tal-kontendenti illi mhijiex ser tkun kuntenta qabel tara lill-esponenti maqful il-habs jew taht it-trab.

10. Illi l-esponenti diga' thoss illi mhuwiex xieraq li l-minuri jingabru u jigu ritornati mill-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia minhabba konsegwenzi li jista' jkun hemm fuq it-tfal, pero' biex dejjem ikollu xhieda illi l-agir tieghu huwa wiehed xieraq versu uliedu u fil-presenza tagghom, ma joggezzjonax ghal dan (minkejja li ghandu d-dritt li joggezzjona stante illi s-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presejeduta tistipula illi t-tfal jingabru u jigu ritornati mill-pjazza ta' Birzebbugia).

11. Illi pero' l-esponenti rikonvenzjonant joggezzjona bil-qawwa ghall-access supervizjonat mill-Agenzija Appogg ghaliex ma jixtieqx illi jittrawmatizza

lil uliedu inutilment, meta ma jezistux il-problemi illi qed tallega l-intimata rikonvenzjonali.

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tat-terapista tal-Familja Carmen Delicata datat 2 ta' Dicembru, 2016[1]

Rat ir-Rapport tal-Agenzija Appogg datat 26 ta' Ottubru, 2017. [2]

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datata 13 ta' Mejju, 2019. [3]

**FATTI**

1. L-attur ighid li kien sar jaf il-konvenuta fis-sena 2000. Dak iz-zmien kien f'relazzjoni ma' MN u kellhom tifel OPB. Il-konvenuta kienet tkun hafna fl-inhawi taghhom u kienet ukoll tohrog mal-ex ragel ta' MN. Minn hawn kienu saru hbieb u bdew relazzjoni. Izid ighid li l-konvenuta kienet isseparata u kienet tghix wahedha bi tlett itfal minn ta' zewgha.

Jispjega li ghall-bidu r-relazzjoni taghhom kienet miexja tajjeb. Fl-2001, il-konvenuta kienet harget tqila bit-tifel GHB. Il-konvenuta ma riditux jirrikonoxxi lill-minuri u kienet marret tirregistrah bhala missier

[1] Ara Rapport a fol. 476 tal-process
[2] Ara Rapport a fol. 707 tal-process.
[3] Ara Dok.AG 1

mhux maghruf. Imbaghad kien mar ghand in-Nutar Dr. Isabelle Gonzi sabiex jaghmel att ta' rikonoxximent.

Fiz-zmien li bint il-konvenuta miz-zwieg taghha, kienet ser taghmel il-precett, huwa spicca l-habs fi Sqallija u kellu jiskonta erba' snin prigunerija. Ma setax jiftakar ghalfejn kien spicca l-habs u meta kien in kontro-ezami gie mistoqsi jekk kienx minhabba droga, ighid li ma jafx. Tul dan iz-zmien, il-konvenuta kienet tmur tarah darba fix-xahar u kienet itella' t-tfal kollha maghha. Kienu jhallsulha hutu jew il-hbieb tieghu. Mill-*fondo vincolare*, il-konvenuta kienet tircievi allowance ghat-tfal fl-ammont ta' €500 fix-xahar. L-ahhar sena kellu jaghmilhom *community service* u kienu tawh appartament mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Il-konvenuta kienet baqghet titla' tarah u kienet toqghod mieghu f'dan l-appartament u hawn kien gie koncepit KL li twieled f'Jannar, 2006. Peress li ma kienx Malta, ma seta' jaghmel xejn u l-konvenuta kienet irregistrat lill-minuri bhala bin missier mhux maghruf. Kien rah l-ewwel darba meta t-tifel kellu tlett xhur.

Meta rritorna lura minn Sqallija kien mar ighix mal-konvenuta u kienet irrangjat ma' huha li tatu l-vettura taghha u hu ghaddielha l-post tieghu. Il-konvenuta kienet regghet harget tqila u kellhom lil FB li twieldet fi Frar, 2007 u giet registrata fuq ismu.

Imbaghad gara li hu l-konvenuta kien keccihom mid-dar tieghu u b'hafna ghajnuna minghand omm l-attur irnexxielhom jiksbu post tal-Housing, izda l-konvenuta kienet keccietu u nduna dan kien ghaliex waqt li kien Sqallija l-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu IJ, li kien pumpier u kien joqghod faccata taghhom. Kellhom xi jghidu bil-kbir u

l-pulizija kienu gieghluh jitlaq mill-post. Minn dakinhar fis-sena 2008, ir-relazzjoni taghhom kienet spiccat.

Il-konvenuta kienet marret taghmel perjodu l-Ghabex u kien jikkomunika maghha u wara xahar il-konvenuta kienet irritornat lura d-dar u kienu bdew proceduri ta’ kura u kustodja, access u manteniment. Tul dan il-perjodu, ighid li l-konvenuta kienet baqghet civili u kienet tehodlu lit-tfal u kien anke jzommhom ghall-gurnata shiha. Anke meta spicca l-habs ghall-perjodu ta’ sentejn hawn Malta fl-2010, il-konvenuta kienet tehodhomlu regolarment, izda ma kinitx tidhol hi, izda kienet thallihom jidhlu mal-familjari tal-attur.

Meta l-attur hareg mill-habs fl-2012, induna li meta l-konvenuta kienet f’relazzjoni kienet tkun flessibbli hafna bl-access, izda meta ma kinitx kienet trid timxi skond l-ordni tal-Qorti. Peress li kellu l-fedina penali mahmuga, kien qed isibha difficili biex xi hadd jimpjegah u ghalhekk ma setax ilahhaq bl-ispejjes tal-manteniment fl-ammont ta’ €180 u kellu introjtu ta’ €300 fix-xahar. Il-konvenuta kienet konsapevoli tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur, izda xorta baqghet taghmel rapporti kull xahar l-ghassa.

L-attur kien fetah il-proceduri ta’ medjazzjoni fejn kien talab riduzzjoni fil-manteniment, fejn il-konvenuta kienet qiedgha topponi li ssehh. Sussegwentement, kienet fethet medjazzjoni hi stess u fl-atti kienet ipprezentat rikors sabiex ikun hemm access supervizjonat u l-Qorti kienet laqghet it-talba. Tul dan il-perjodu, ir-rapporti li kienet taghmel il-konvenuta kienu zdiedu hafna u anke t-tfal kienu nfluenzati ghaliex ma kienux l-istess fl-agir taghhom.

Il-konvenuta kienet ukoll irrapportat li l-attur kien refa' idejh fuq it-tifel minuri G waqt li kien fuq trampoline, izda kien hareg illiberat fuq dawn l-akkuzi. Kienet irrapportatu meta kien irritorna lill-minuri G ftit minuti tard u kienet anke ma tidhirx bil-minuri, anke jekk ikun tfacca l-attur ghax ikun imissu l-access, bhal meta kien mar liebes ghax min ghalih li t-tifel kien ser jaghmel il-precett.

Il-konvenuta kienet tghamillu hajtu difficli ukoll ghaliex anke meta ppruva jiehu kejk ghall-birthdays tat-tfal, kienet gieghlitu jiehdu l-Appogg, imbaghad ma kinitx hadet lit-tifla. Peress li l-minuri G kien spicca wahdu, kien beda jinsulenta lill-attur u juza' kliem dispreggjativ li anke s-supervisors tal-Appogg waqfuh.

Ighid li l-konvenuta kienet tuza lit-tfal taghhom bhala arma u peress li taf li  ma jistax ihallas il-manteniment, kienet tirrapportah sabiex ikollu pieni ta' habs. Izid ighid li hu u l-familja tieghu kienu jaghmlu x-xirjiet ghat-tfal u kienu jixtru anke hwejjeg u kienu jehduhom l-ghassa, izda l-konvenuta dejjem irrifjutathom.

Fil-mori tal-kawza, l-attur xehed fis-7 ta' Frar, 2018 li kien ghadu dizokkupat u kienet qed isegwih Anita Inguanez mill-Jobsplus. Il-problema magguri kienet minhabba l-kondotta tieghu ghax hu dispost li jahdem.

L-attur ried juri ukoll li t-tfal tal-konvenuta minn relazzjoni ohra ukoll kellhom problemi mal-gustizzja u in sostenn ta' dan esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali "**Il-**

**Pulizija vs Brenton Mercieca Frantz**" deciza fis-27 ta' Lulju, 2017 minhabba glieda bit-tazzi gewwa bar f'San Giljan.[4]

Jikkonferma li kien hemm kawzi ohra pendenti, pero' ma kienx ghad hemm sentenzi.

Dwar il-hlas ta' manteniment li gie ordnat ihallas skond is-sentenza tal-Qorti dan kien fl-ammont ta' €140. Ighid li dak iz-zmien kien qieghed il-Habs u ghalhekk lanqas kien jircievi r-relief. Lanqas ma kellu biex ihallas lit-tifel tieghu OP, li twieled minn relazzjoni ohra. Fil-fatt, qatt ma hallas manteniment ghal dan it-tifel, izda kien ighaddi c-childrens allowance lil ohtu li kienet trabbi  lil OP.

Jispjega li minn mindu hareg mill-habs, minhabba l-kondotta tieghu kien qed isib problemi sabiex isib impjieg, Jikkonferma li l-kondotta tieghu kienet imcappsa anke qabel ma kien hemm is-sentenza. Illum jispjega li ghandu disabilita' li timpedih milli jahdem. Izid ighid li kien imur l-ETC u jsegwi l-proceduri taghhom, izda gieli sema' biex jattendi ghall-impjieg u hafna drabi le. Meta kien isib impjieg, ftit wara kienu jitterminawlu l-impjieg.

Dwar l-applikazzjoni ghad-disabilita', ighid li darba kien ma jiflahx u talbuh biex imur bic-certifikat il-labour office u meta mar kienu tawh data biex jiltaqa' mal-Board.[5]

L-attur ikkonferma li hu mhux obbligat ihallas manteniment ghall-minuri KL bis-sentenza tal-Qorti, minkejja li ma jichadx li huwa ibnu.

[4] Doks. FP 1 u FP2
[5] Ara Doks. A Vol.5 tal-process.

Jispjega li meta rritorna mill-habs mill-Italja, peress li ma kellux flus, kien jaghmel xirijiet ghall-konvenuta u jixtri l-hrieqi bhala manteniment,

Dwar vetturi l-attur jinnega li ghandu vettura li jsuq hu. Jissellef minghand il-hbieb. Ighid li fadallu karozza li jrid jiskrapjaha u ma jistax.

L-attur jikkonferma li kien hemm zmien meta gieli pprova jsuq, izda kien iwegga'. Kien ghamel applikazzjoni ghall-pensjoni ta' disabilita' u ma kienx ghadda.

2. CDE, il-konvenuta tghid li fis-sena 2000, kienet iltaqghet mal-attur u ftit wara kienet inqabdet tqila bit-tifel G. Tispjega li maz-zmien indunat li ghalkemm l-attur jipprova jaghmilha tal-haruf, ma kienx. Kien spicca erba' snin habs f'Sqallija u dan peress li kien involut fit-traffikar tad-droga. Waqt li kien qieghed il-habs f'Sqallija kienet harget tqila bit-tifel KL, minkejja li l-attur qatt ma rrikonoxxih.

   Wara li l-attur hareg mill-habs, tispjega li l-attur kien possessiv fuqha u kien hemm drabi meta kien vjolenti maghha. Kien baqa' jaghmilha ma' nies kriminali u kien jidher car li ma riedx jifforma ruhu. Tkompli tghid li l-attur kien anke vjolenti sesswalment u kienet spiccat tqila bit-tifla minuri F. Il-konvenuta diga' kellha tlett itfal ohra mill-ewwel zwieg taghha,

Meta l-konvenuta ma felhitx iktar kienet marret ghall-ghajnuna ghand l-Appogg, li kienu rrangawlha sabiex tidhol l-Ghabex. Il-konvenuta tikkonferma li kienet damet hemm xahar. Nel frattemp kienet ghamlet diversi rapporti li ma kinux qed jipprocedu u bil-persistenza taghha, fl-ahhar kienu resqu lill-attur u nharget protection order ghalija u ghat-tfal. Minn hawn, l-attur beda sensiela ta' persekuzzjonijiet. Tichad li dak iz-zmien li kienet l-Ghabex kienet tibghatlu sms's sabiex jaghmlilha x-xiri. Tghid li l-attur kien jirnexxieli jidhol fil-password taghha u kien jibghat lil min irid hu. Tikkonferma li tal-Vodafone kienu jafu b'dan peress li kienu bghatu ghaliha ghax kien qed isir uzu hazin tal-linja minhabba li l-konvenut kien jabbuza mis-sistema u jibghat messaggi hu lil min irid. Izzid tghid ukoll li meta marret l-Ghabex ma haditx lit-tfal taghha minn relazzjoni ohra.

Ghalhekk il-konvenuta tghid li bdiet il-proceduri biex tinghata l-kura u kustodja tal-minuri u biex jigi rregolat l-access, izda malli kien hemm digriet mill-Qorti, l-attur kien juza' l-access bhala skuza u kien isegwi l-passi taghha. Fil-fatt, imbaghad insistiet li ghall-access it-tfal jittiehdu l-ghassa ta' Birzebbugia, jingabru minn hemm u jerga' jittiehdu hemm mill-attur. Kienu jinqalghu xi kwistjonijiet imma dejjem inzammu taht kontroll.

Waqt l-access imbaghad beda jkun hemm hafna problemi, ghaliex l-attur kien ihallihom jigru wahedhom, kien ihallihom bil-guh u kien ikun hemm glied bejn G u t-tifel tal-attur minn relazzjoni ohra OPB. L-attur kien ilaqqa' lit-tfal ma nies li kienu nvoluti fid-droga bhal certu QR. Fil-frattemp, tghid ukoll li l-attur kien involut f'serqa mill-HSBC Qormi. Kien hemm incident fejn wara li G kien fuq it-trampoline, missieru kien tah daqqa ta' ponn u tinsisti li binha ma jigdibx.

Tispjega li fit-2 ta' Novembru, 2010 kienet inghatat sentenza parzjali fejn inghatat il-kura u kustodja tat-tfal u dan gie regolat bl-access.

Fit-3 ta' Dicembru, 2010, l-attur kien involut f'hold up fuq il-Gold Market f' H'Attard u kien intlaqat minn tiri ta' senter. Kien harab u baqa' mistohbi sakemm mar u ta' ruhu f'idejn il-pulizija. Sakemm gara hekk pero' l-pulizija kienet qed tipprova ssegwi t-tracci tieghu u kienu marru ghandha jaghmlu raid. Il-pulizija kienu gew kollha armati b'armi tan-nar u *bullet proof vests*. It-tifel minuri KL kien ikkummenta li l-pistola li kellu wiehed mill-pulizija kienet bhal ta' missieru. Il-konvenuta tghid li ma tafx jekk l-attur ghandux licenzja biex izomm l-armi.

In segwitu ghal din is-serqa, l-attur kien inzamm arrestat u kienet tiehu lit-tfal biex jarawh il-habs, sakemm l-attur rega' nghata l-liberta' provizjorja u rega' beda jkun hemm l-inkwiet waqt l-access. It-tifel G ma kienx irid imur u kien jiggieled maghha. Meta ma kienx hemm access, l-attur kien joqghod isegwiha u jehodilha r-ritratti.

Minhabba dina s-sitwazzjoni, il-konvenuta talbet li l-access isir taht supervizjoni, ghaliex b'hekk kienet tevita li jibqa' jgibhom in kuntatt ma' nies mhux rakkomandabbli. Ghalhekk kienet giet inkarigata l-Psikologa Carmen Sammut mill-Qorti biex taghmel ir-rakkomandazzjonijiet u gie ordnat li l-access jigi ezercitat fil-bini tal-Appogg. L-attur beda jipprova jara kif ser inehhi s-supervizjoni, izda fl-ahhar accettaha. Il-problema kienet G, peress li ma riedx imur jara lil missieru u bil-konsegwenza li beda jigma' go fih hafna rabja u jehodha kontra taghha. Beda anke jirrifjuta li jmur l-iskola u anke beda

li jrid jnehhi hajtu, Ghalhekk, kienet ghamlet rikors sabiex l-access ta' G jieqaf. Wara li l-Qorti appuntat lil Carmen Delicata, l-access ta' G waqaf. Mix-xhieda li tat Carmen Delicata f'din il-kawza, tghid li saret taf li l-attur kien izomm revolver fil-karozza, ghax kien raha G.

F ghada tmur ghall-access u ma ssibx problema, probabilment ghax hija l-izghar wild u ma tantx tiftakar l-esperjenzi koroh li gahddew minnhom. Illum li kibret pero' mhux daqshekk kuntenta li tmur u tkun eccitata ghaliex l-attur kontinwament isaqsiha fuq l-attrici u jehodilha r-ritratti bhal per ezempju li hadha Dubai, meta dan mhuwiex minnu, ghax il-konvenuta tghid li l-uniku post fejn hadha kien il-Qorti.

Il-konvenut tghid li ser tkompli toggezzjona li l-access ma jkunx taht supervizjoni u dan ghaliex l-attur, minkejja li huwa missierhom, huwa influwenza hazina. Dawn il-fatti ma tistax tahbihom mit-tfal, ghax ghexu l-esperjenzi maghha u apparti minn hekk missierhom maghruf u ismu mcappas mal-ahbarijiet kollha. Izid tghid li ma tixtieqx li t-tfal taghha jaqbdu t-triq tal-kriminalita' bhat-tifel tal-attur OP, li ta' 15-il sena ikkometta serq aggravat fuq anzjana, u ta' 18-il sena ikkometta serq ta' diesel. Illum rabba l-ghaqal u jiggestixxi hanut tal-hasil tal-karozzi. Minn mindu waqaf l-access tghid li G ikkalma u rega' qabad jistudja u tispera li jibda l-MCast. Illum huwa mechanic mal-Mercedes. Tixtieq li uliedha jimxu fit-triq it-tajba mhux bhal missierhom. Tghid li hemm bahar jaqsam bejn it-tfal taghha u dawk ta' A minn relazzjoni ohra.

Dwar il-manteniment, il-konvenuta tikkonferma li l-attur jahdem minghajr ktieb u jaghmel diversi xogholijiet. Kien ghamel zmien jarma l-Monti tal-Birgu u ghamel zmien impjegat ukoll ma' kumpanija li

jinstallaw CCTV. Tghid izda li minkejja dan xorta jaqlalha fwiedha biex ihallas manteniment. Ikollha tmexxi bil-Qorti, imbaghad jappella u dejjem itawwal. Ghad irid ihallasha mantneiment lura sa mis-sena 2014.

Il-konvenuta in kontro-ezami tghid li minkejja li ma baqghux flimkien mis-sena 2007, l-attur qatt ma telaqha ghax isegwi l-passi tahha u jekk ma jmurx hu personalment jibghat lil xi hadd. Jipprova jheddidha billi jigri warajha u jwerwrilha lit-tfal. Minkejja li qatt m'ghexu bhala koppja normali, ghax l-attur kien ikun ma' mara ohra, xorta kien jirnexxielu jidhol id-dar taghha billi jiftah bl-id card tieghu.

3. ST, oht l-attur, ikkonfermat li huha u l-konvenuta kellhom relazzjoni bejn is-snin 2000 u 2007 u minn dina r-relazzjoni kienu twieldu GH u F ahwa B.

   Erba' minn dawn is-sebgha snin, l-attur qattaghhom gewwa habs fi Sqallija. Tghid li l-konvenuta kienet tmur izuru darbtejn f'xahar u qabel ma kienet tmur, kienet titlaqa' maghha sabiex tghaddilha xi flus ghall-attur.

   Izid tghid ukoll li kienet tghinhom billi tixtri xi hwejjeg u anke rigali ghat-tfal minuri tal-partijiet u dan peress li meta l-attur gie lura minn Sqallija ma kellux flus u anke sakemm waslu l-beneficcji socjali ma kellu l-ebda introjtu.

   Wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, ix-xhud tghid li xorta baqghet in kuntatt mal-konvenuta u sahansitra meta kien ser jaghmel il-

precett it-tifel taghha U, kienet xtrat xi zraben ghat-tfal tal-partijiet, filwaqt li ohtha VW, kienet xtratilhom il-hwejjeg ghall-festin.

Tispjega li l-konvenuta taghmel hilitha sabiex iddawwar lill-minuri kontra missierhom u kontinwament taghmillu r-rapporti ghax jonqos li jhallas manteniment meta taf li m'ghandux minn fejn. Huma bhala l-familja tieghu jaghmlu hilithom sabiex ikun jistghu jghinuh mill-ahjar li jistghu.

XY, oht l-attur tikkonferma dan ukoll. Izid tghid ukoll illi kienet l-iskola mal-konvenuta, izda ma tantx kienu joqoghdu flimkien, ghax il-konvenuta kienet fuq taghha. Meta l-partijiet kienu temmew r-relazzjoni, il-konvenuta kienet cemplitilha d-dar u qaltilha sabiex ma tindahalx u spiccaw li kellhom jintervjenu l-pulizija.

L-istess verzjoni hija kkorroborata minn oht l-attur, VW u ZB, li tikkonferma ukoll li waqt li l-attur kien qieghed il-habs Sqallija, il-konvenuta kienet tahdem gewwa Toni & Guy il-Hamrun u malli kienet taraha ghaddejja kienet tibda tghajjaraha u tinsulentaha, tant li kellha taghmilha rapport u tressqet il-Qorti quddiem il-Magistrat Apap Bologna, fejn il-Qorti obbligatha sabiex ma timmolestjahiex izjed u ma tersaqx lejha.

Omm l-attur ikkonfermat ukoll li jghix maghha u tiehu hsieb il-kontijiet hi. L-attur gieli jmur jiekol ghand hutu u dan peress li jaqla' biss €70 fil-gimgha mill-beneficcji socjali u minhabba l-fedina penali tieghu, qed isibha difficli sabiex isib impjieg. Dan kollu huwa kkonfermat ukoll minn hut l-attur.

4. OPB, bin l-attur minn mara ohra mhux il-konvenuta. Huwa jghid li kellu relazzjoni tajba ma' missieru. Ma kienx jaqbel m'ommu u ghall-bidu trabba minn nanna paterna, imbaghad fl-eta' ta' 8/9 snin kien mar ighix maz-zija paterna VW u dan kien fiz-zmien li l-attur kien arrestat. Kien dam ighix maghha ghal tlett snin shah. Ighid ukoll li l-attur kien ighaddi c-childrens allowance tieghu lil zijtu li kienet tiehu hsiebu. Kien jaf li missieru ma setax ighaddilu manteniment peress li ma setax jahdem minhabba l-kondotta tieghu.

Dwar hutu G, F u KL. ighid li meta missieru jkollu l-access dejjem jiltaqa' maghhom.

Dwar proceduri kriminali kontrih jikkonferma li kellu xi problemi rigward serq ta' diesel u dwar serq ta' giollerija minghand Doris Vella u dan kien fid-19 ta' Novembru, 2013.

5. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-ETC, ipprezenta l-employment history tal-attur.[6] Jispjega li sakemm kien hemm il-labour office ma kinux izommu hafna informazzjoni. Meta mbaghad giet iffurmata l-ETC bdew jigbru izjed informazzjoni dwar il-bidu u t-tmiem tal-impjieg.

Ipprezenta ukoll ir-registration history, minn fejn jirrizulta li l-attur kien qed jirregistra ghax-xoghol u li "huwa fit for work" u " available."[7]

---

[6] Ara Dok. JS 1

[7] Ara Dok. JS 2

Fejn hemm indikat "suspended until eligible for Part 1" ifisser li normalment l-attur ma jkunx attenda ghal xi kors.

Ipprezenta ukoll is-submission history tal-attur.[8] Fejn hemm indikat "awaiting feedback," ifisser li l-feedback irid jinghata lilhom, izda sfortunatament il-feedbacks tal-employers iridu jigru warajhom huma biex issir il-matching bil-lista tan-nies li jkun hemm fid-database. Jispjega li f'dan id-dokument jirrizulta li l-attur ma kienx ipprezenta c-CV u kien jehtieg  ukoll li jgib licenzja ffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija biex titnizzel bhala qualification. Jitolbu ukoll ghall-finijiet tax-xoghol, il-kondotta. Jispjega li kienu rcevew email minghand il-MEPA datata 17 ta' April, 2014, fejn gew infurmati li l-attur ma kienx baghat is-CV tieghu sabiex jigi kkunsidrat ghax-xoghol. Meta employer ma jaccettax persuna ghax-xoghol, mhux obbligat li jaghti raguni. Hafna drabi huma l-employers parastatali u l-Gvern li jaghtu raguni. Generalment rigward applikanti li kienu l-habs, hemm employment advisors li jimpjegawhom.  Jispjega  ukoll li hemm skema ta' "bridging of the gap" fejn jaghtu incentive lill-employer biex jiehdu li l-applikant fuq il-post tax-xoghol. L-applikant irid ikun "an active registrant" li verament qieghed ifittex ix-xoghol u jekk ma jattendix ikun hemm "strike off."

Dwar l-applikazzjoni tal-attur ghal *security guard*, ighid li l-attur huwa mnizzel ghat-training, izda ma jirrizultax li l-Kummissarju tal-Pulizija kien hariglu l-warrant li jhallih jiehu dan il-post ta' security guard.

[8] Ara Dok. JS 3

6. Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ghamel ricerka fuq l-attur u rrizultalu li kien hemm zewg kontijiet f'ismu, wiehed minnhom kien maghluq, filwaqt kien hemm iehor miftuh u dan huwa savings account li nfetah fis-27 ta' Novembru, 1996 u ghandu bilanc ta' €50.02.[9] Dwar visa jew credits cards, ighid li dawn il-kontijiet kienu maghluqin.

7. Saviour Theuma, in rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta l-allowance tat-tfal li jircievi l-attur ghal OPB u dan kien jircevihom bejn l-1 ta' Awissu, 2009 u l-1 ta' April, 2011.[10]

Kien jiehu ukoll beneficcju minhabba korriment fuq ix-xoghol fis-sena 2007.[11] Kien jiehu ukoll beneficcju tal-qaghad li ha fis-sena 2008.[12] Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar r-rata ta' assistenza socjali li jircievi l-attur. Ilu jircevihom mill-21 ta' Ottubru, 2000 sal-lum. Bejn 2002 u 2006 ma thallasx u lanqas bejn 2010 u 2012 u ma kellhomx informazzjoni ghalxiex. Ighid mar-rata tal-beneficcji socjali, l-attur jircievi ukoll €3.12 fil-gimgha bhala additional bonus ta' Marzu u Settembru u €135.10 kull sitt xhur bhala bonus ta' Gunju u Dicembru.

Meta l-applikant ikun go istituzzjoni, bhalma kien l-attur, il-beneficcju ma jibqghux ghaddejjin u jigu nfurmati biss jekk is-sentenza tkun qed tigi skontata hawn Malta. L-ahhar beneficcju kien ircieva biss 75% tar-rata. Mill-informazzjoni li kellhom, l-attur joqghod wahdu u suppost jircievi r-rata shiha, izda jekk joqghod ma' familja jircievi 75% tar-rata.

[9] Ara Dok., RA 1
[10] Ara Dok. ST 1
[11] Ara Dok. ST 2
[12] Ara Dok. ST 3

Theuma kompla jispjega li c-children's allowance kien gie sospiz u ma thallasx izjed lill-attur. Ghamel referenza ghall-minuri OP, fejn fil-25 ta' Jannar, 2011, kienu rcevew ittra minghand l-avukat Arthur Azzopardi u l-attur sabiex ic-childrens allowance tibda tircevih VW ohtu.[13]

Ikkonferma ukoll li persuna li tkun fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, l-allowances jieqfu u kwalsiasi beneficcju iehor u spjega li meta persuna tohrog mill-habs tkun tista' terga' applika ghall-allowances u beneficcji socjali u jekk ikun intitolat ghalihom ircevihom.

8. QR, habib tal-attur, isemmi li kien jakkumpanja lill-attur meta kien imur ghall-access tal-minuri Birzebuggia ghax kien ikollu lil ibnu ukoll. Ighid li l-attur kien jonfoq flus fuq it-tfal, kien jaghmlilhom xirja kull gimgha. Jispjega li ma' ibnu G kellu relazzjoni difficli, fejn gieli kienu jaqblu u gieli le. Mat-tifla minuri F l-attur kellu relazzjoni tajba.

Ix-xhud jinnega li kien jiehu d-droga u li l-marki f'idejh kienu minhabba xoghol ta' welding.

9. Anthony Bonnici, in rapprezentanza ta' Mobisle Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile. Dwar in-numru 79928561 jispjega li ma setax jaghti informazzjoni dwar call logs jew sms logs peress il-linja in kwistjoni kienet ilha disattivata izjed mill-2011. Ma setax jikkonferma jekk dina l-linja kienet tappartjeni lil AB.

[13] Ara Dok. ST 5

10. Jean Pierre Micallef in rapprezentanza tal-Iskola Primarja Birzebuggia jispjega li l-minuri F kienet tattendi fi zmien li xehed year 3. Kienet tattendi minn zmien il-Kindergarten. Ighid ukoll li l-kindergarten mhix obbligatorja. Bhala sistema ta' attendenza juzaw school's information system biex izommu l-attendenza tat-tfal. Dwar F jghid li ghal l-ewwel sena attendiet 86% u kienet falliet 26 gurnata minghajr gustifikazzjoni u bhala skola  obbligati jibghatu l-SEWO forms li huma c-citazzjoni biex ihallsu l-multa. L-istess kellu jaghmel meta F kienet qed tattendi Year 2 peress li kellha 24 gurnata fejn m'attenditx l-iskola minghajr gustifikazzjoni. Dwar it-tielet sena F kienet attendiet  88% u kienet falliet 16-il gurnata skola, tmienja minnhom kienet ipprezentat certifikat u ghal tmint ijiem l-ohra ma kinitx u kellu jibghatilha l-formula ukoll.

Dwar G seta' jaghti informazzjoni fuq l-attendenza tieghu ghal Year 6, Form 1 u Form 2. Kien hemm fil-maggorparti attendenza, pero' kien hemm ukoll attendenza mhux gustifikata. Pero' peress li ma kienx baqa' jattendi l-iskola Birzebbugia, meta setax jikkonferma jekk is-surmast kienux tawh il-formula.[14]

Ighid li generalment, meta l-istudent ifalli tlett ijiem f'xahar jinfurmawh u jcemplu darba d-dar. Fin-nuqqas ta' gustifikazzjoni, ifakkruhom bic-citazzjoni, fejn ikollhom tlett ijiem biex ikellmuh u fin-nuqqas jitressqu l-Qorti.

11. Maria Zahra, principal social worker fid-Dipartiment Servizzi ghall-istudent fil-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dwar l-attendenza ta' F tghid li fil-bidu kien ikun nieqes hafna mill-iskola, kien anke rrepeta l—Year

[14] Ara Dok. JPM.

2. Imbaghad maz-zmien l-attendenza ma kinitx perfetta, izda kienet tajba.

Ikkonfermat li bhala prassi jekk student ifalli l-iskola ghal iktar minn erbat ijiem f'xahar l-iskola obbligata jirreferu lis-social workers bhala u timtela' l-formula SEWO li tintbaghat l-iskola u jekk ma jkollhomx risposta minghand il-genituri tghaddi f'idejhom u mbaghad jigu vvettjati u jekk tkun l-ewwel darba ma jigux riferuti lit-Tribunal. Rigward G kien hemm tlett darbiet fejn kellhom jirreferu l-kaz lit-Tribunal u fit-tlett okkazzjonijiet, il-konvenuta kienet giet immultata, izda ma setghetx tikkonferma jekk attenditx jew le s-seduta quddiem it-Tribunal. Dwar F kien hemm darba meta kienet intbaghtet SEWO peress li kienet immissjat ghaxart ijiem skola f'sena minghajr gustifikazzjoni, izda ma kinux ipprocedew kontriha quddiem it-Tribunal.

12. PS 1434 Mario Mercieca kien ghamel zmien stazzjonat l-Ghassa ta' Birzebbugia bejn is-snin 2008 u 2013 u jikkonferma li kien sar rapport mill-konvenuta kontra l-attur li tah daqqa ta' ponn lil binhom G u kellu johrog akkuzi kontrih fuq li kkaguna griehi.

Ikkonferma li kien hemm okkazzjoni fejn waqt li kien l-ghassa ta' Birzebbugia kien mar l-attur ghax dakinhar wiehed mit-tfal tieghu kien ser jaghmel il-precett u ma setax jiftakar jekk l-attur kellux access dakinhar. Jispjega li l-attur kien gab xi rigal ghat-tifel, izda l-konvenuta kienet irrifjutatu u gieli kienet ghamlet hekk meta l-attur kien ihalli l-affarijiet l-Ghassa.

Izid ighid ukoll li kien hemm rapporti ukoll li l-attur ma kienx qed ihallas manteniment u dan kien iz-zmien bejn 2009/2010. Kien hemm xi zmien li anke l-access kien isir fl-ghassa ta' Birzebbugia.

13. PS853 Frank Sciberras ghamel zmien stazzjonat l-ghassa ta' Birzebuggia bejn l-1997 u l-2014 u jghid lill-partijiet peress li kienu jkunu l-ghassa ta' spiss. L-ikbar incident li jiftakar kien fuq in-nuqqas ta' manteniment u li l-konvenuta ma kinitx qed taghtih access u kienu nhargu charges fil-konfront taghhom,

14. Spettur Frank Sammut kien qed jaghmel spezzjonijiet fuq il-preparamenti li kienu qed isiru ghall-Istrina u dan kien ghall-habta tas-sena 2012. Waqt li kien hemm ma' xi kollegi, xi hadd kien gibidlu l-attenzjoni li fosthom il-voluntiera kien hemm AB. Kien jafu peress li ismu ma kienx gdid u kien jaf li kellu diversi proceduri kriminali ghaddejjin. Kien ghalhekk tkellem mal-organizatturi sabiex jara jekk kienux ghamlu vetting qabel ma dahlu l-volentiera u peress li ma kienx sar hemm, kienu gharrfuhom li ma kienx ghaqli li jahdem hemm, specjalment peress li recentement kien involut fi proceduri rigward serqa ta' flus.

15. WPC 239 MaryRose Grima kienet stazzjonata l-ghassa ta' Birzebbugia bejn is-snin 2003 sa 2011 u kienet taf il-partijiet peress li ghall-access it-tfal kienu jingabru mill-attur mill-ghassa. Tiftakar li darba l-attur kien gie liebes ghall-precett tat-tifel u l-konvenuta ma dehritx. Meta rnexxielhom jikkomunikaw maghha kienet infurmathom li kienet ghamlet arrangjamenti mal-kappillan sabiex it-tifel jaghmel il-precett is-sena ta' wara.

Tghid ukoll li kien hemm diversi drabi fejn il-konvenuta ma kinitx iggib lill-minuri sabiex jaraw lil missierhom u kien ikollhom jikkomunikaw maghha. Pero' kien ikollha rapporti mill-konvenuta ukoll kontra l-attur. Izid tghid li l-attur kien gieli jgib xi affarijiet ghat-tfal.

16. PS583 Evan Grech kien stazzjonat l-ghassa ta' Birzebbugia bejn l-2007 u l-2015. Jiftakar ukoll li l-partijiet kienu jmorru jaghmlu rapporti, [15]generalment fuq manteniment u access. Ighid li ma kienx hemm id-drabi li l-attur kien igib xi affarijiet ghat-tfal. Kien semma rapport li kienet ghamlet il-konvenuta, meta l-attur kien irritorna lit-tifel disa' minuti tard u dan ghaliex kien mar jixtri zarbun.[16] Ighid ukoll li kienu jiehdu l-verzjonijiet tat-tnejn u l-attur dejjem kien jikkoopera maghhom.

17. PS 1312 Hadrian Sultana kien stazzjonat l-ghassa ta' Birzebbuga ghal erbatax-il sena sas-sena 2013 u ghalhekk kien jaf lill-partijiet. Il-konvenuta kienet tmur hafna drabi biex taghmel rapport peress li l-attur ma jkunx hallas manteniment. Meta kien ikellmu kien ighidlu li ma kellux minn fejn peress li ma kienx jahdem u lanqas kellu fejn joqghod. Gieli kienu jixtri hrieqi u halib ghat-tfal u jgibhom l-ghassa, izda l-konvenuta kienet tirrifjuta peress li kienet tkun trid il-flus.

Il-konvenuta kienet igib lit-tfal ghall-access l-ghassa u gieli kien isir kollox bil-kwiet, jew kien ikun hemm xi battibekki. It-tfal drabi jkunu jridu jmorru mal-attur u gieli le.

[15] Ara Doks. EG1 sa EG4
[16] Ara Dok. EG 3

18. WPC 204 Marika Bugeja pprezentat 85 rapporti li saru mill-konvenuta fil-konfront tal-attur mid-9 ta' Novembru, 2007 sal-31 ta' Jannar, 2018.[17] Ipprezentat ukoll il-fedina penali tal-attur kif emendata sat- 8 ta' Marzu, 2018.[18]

19. Rev Fr. Nicholas Pace kien ghamel zmien fil-parrocca ta' Birzebbugia bejn l-2000 u l-2013. M'gharrafx lill-partijiet u lanqas ritratt ta' binhom GHB u peress li ma jinzammux rekords tal-Precett ma setax jikkonferma jekk it-tifel kienx ghamlu jew le.

20. Carina Azzopardi, Human Resources Manager ma' JF Security tikkonferma li f'Gunju. 2009 l-attur kien attenda ghall-kors ta' security guard . Min jaghmel il-kors irid imur il-Police Headquarters Floriana u japplika.

21. Melvin Camilleri stazzjonat l-ghassa ta' Birzebbuga esebixxa sitta u tletin rapport li saru mill-partijiet. Ma kienx hadhom hu r-rapporti u ma kienx investigata ebda wiehed minn dawn ir-rapporti. Jinghad ukoll li hafna mir-rapporti kienu rrelatati mal-manteniment.

22. 12 kellha relazzjoni mal-attur ghall-habta tas-sena 2008. Tghid li kienet ltaqghet mat-tfal tal-attur u gieli kienu johorgu anke bit-tifla taghha 34.

Tkompli tghid li l-konvenuta kienet tipprova dejjem taqla' d-dizgwid biex tipprova ggellidhom u kienet tipprova tghawwiha kontra l-attur. Tispjega li darba bintha kienet mal-attur, flimkien ma' uliedu waqt l-

[17] Ara MB1 – MB 85
[18] Ara Dok.

access u l-konvenuta kienet bdiet tghajjat mat-tifla taghha ghax allegat li l-attur kien xtara luminata ghaliha u mhux ghat-tifel taghhom G. Spiccaw kellhom xi jghidu u spiccaw il-Qorti u l-konvenuta kienet inghatat canfira.

Ix-xhud tghid li l-attur dejjem uriha rispett anke llum li m'ghadhomx iktar flimkien.

23. Carmen Delicata, it-terapista tal-familja li hejjiet rapport f'dina l-kawza, in eskussjoni semmiet li wara li tkellmet mal-partijiet, huwa minnu li l-konvenuta titkellem fl-apert dwar l-attur u thoss li m'ghandha x'tahbi xejn mit-tfal peress li diga' esperjenzaw bizzejjed. Il-konvenuta certament ma tirrispettax il-boundaries taghha fejn jirrigwarda r-relazzjoni taghha mal-attur u r-relazzjoni mat-tfal. Jista' jkun li dan isir intenzjonalment biex tinfluenza lit-tfal jew jista' jkun realistikament peress li hemm diversi proceduri l-Qorti u ghalhekk certu diskors isir inevitabbli.

Tkompli tispjega li l-konvenuta tinkwieta fuq it-tfal minhabba li l-attur ghandu passat fejn kien il-habs, kien anke fil-gazzetta u ghalhekk thoss li l-presenza tal-missier huwa tad-detriment ghal uliedha. Id-digrieti mahruga mil-Qorti ghaliha ma jharsux l-interessi tal-minuri.

Ikkonfermat ukoll li l-konvenuta kienet l-Ghabex, flimkien mat-tfal u t-tifel  il-kbir kien rah hafna vjolenza bejn il-genituri tieghu u anke meta kienu jmorru jaraw lill-attur l-Italja kien ikun hemm argumenti bejn il-partijiet.

Dwar l-attur tghid li huwa jitkellem b'hafna passjoni meta jitkellem fuq l-itfal, izda sfortunatament hemm il-passat tal-attur li jkompli jdur fin-nofs peress li ghat-tfal hemm zewg images ta' missierhom. Il-ftit hin li jkunu mieghu, dejjem jigi mdallam mal-fatt li ghandu passat ta' habs. Il-minuri F ma tiftakarx daqs kemm jiftakar G, peress li kienet ghadha zghira, pero' peress li dawn l-istejjer tal-missier ghadhom hajjin, jigu ripetuti kontinwament fil-presenza taghha u ghalhekk il-messagg li dejjem rceviet huwa li ma' missierha qatt mhu ser tkun sigura. Fil-fatt, tghid li F hija naqra zghira ghall-eta' taghha u dejjem ansjuza u mkahhla m'ommha. Isemmi ukoll li kien hemm xi zmien meta l-minuri kienet inkontinenti u dan minhabba li tkun anzjuza.

Meta l-partijiet telqu lil xulxin, it-tifel kellu xi tmien snin,  filwaqt li F kienet ghadha zghira u dan kien ghall-habta tas-sena 2008. Generalment, tispjega li meta parti tispicca l-Ghabex, issibuha difficli biex jaqtghu r-relazzjoni u jista' jkun li baqqghet icempel lill-attur biex jixtrilha, anke l-cards tal-mobile.

Tispjega lil l-konvenuta hija kuntenta sakemm it-tfal ikolhom access ghall-missierhom taht supervizjoni, Huwa t-tifel G li joggezzjona pero' kien imur xorta minhabba l-biza' li jekk ma jobdix l-ordni tal-Qorti ommu tispicca l-habs. Kien jirrabbja pero' peress li kien ihossu mgieghel li jmur.

Ix-xhud hija aktar propensa li ghalissa l-access ghat-tifla minuri jibqa' taht supervizjoni. Kien hemm incidenti li thoss li s-supervizzjoni huwa fl-ahjar interess tal-minuri, bhal meta t-tifel G kien ma' missieru fil-karozza u mill-glove compartment kien hareg revolver u din kienet xi haga alarmanti ghall-minuri. Ukoll it-tifel ighid li l-attur joqghod

isegwihom bil-karozza, haga li l-attur stess ma nnegax ghax qal li kien l-uniku mezz biex jara lit-tfal, izda dan kien johloq sens ta' biza' fil-minuri.

It-trawma ukoll kienet li l-attur ma kienx kontinwament prezenti f'hajjithom u kif spjegat il-konvenuta tul is-seba' snin li damu flimkien, kien jidhol u johrog f'hajjithom u ghalhekk ma kienx hemm sens ta' serhan il-mohh li l-attur qieghed hemm biex jiehu hsiebhom.

24. RPC 3025 Antonella Busuttil, ipprezentat erba' rapporti li saru mill-konvenuta kontra l-attur u pprezentat dawn biss peress li fis-sistema kienet dahhlet biss il-karta ta' identita' tal-konvenuta.[19]

25. Sylvana Calleja, social worker fid-Domestic Violence Unit fl-Agenzija Appogg ikkonfermat li qabel il-konvenuta kienet tigi segwita mis-social worker Antoinette Gatt Rutter, li ma kinitx baqghet tahdem l-Appogg. Ipprezenta notamenti li hadet mill-file tal-konvenuta.[20]

26. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed dwar il-beneficcji socjali li jircievi l-attur. Qabel l-attur kien jirregistra ghax-xoghol u kien jircievi unemployment assistance (UA), pero' minn Frar, 2018 ma baqax jirregistra peress li m'ghadux tajjeb ghax-xoghol u beda jircievi ghajnuna socjali fl-ammont ta' €78.27 fil-gimgha, kif ukoll bonus addizjonali ta' €3.12 fil-gimgha ukoll. Kull Gunju u Dicembru, jircievi bonus tal-haddiema fis-somma ta' €135.10.

[19] Ara Dok. AB 1 sa AB 4
[20] Ara Dok. SC1

Dwar il-konvenut ikkonferma li ma kienx applika ghall-pensjoni ta' disabilita', pero' kien ipprezenta fil-21 ta' Frar, 2018 applikazzjoni ghall-pensjoni minhabba disabilita' severa. Ighid li l-attur ghadu ma bediex jircievi dina l-pensjoni peress li naqas li jidher darbtejn quddiem il-Bord mediku u peress li kien ipprezenta certifikati medici ghaliex ma deherx, l-applikazzjoni ghadha pendenti u kellu jidher f'Ottubru, 2018. Jekk ikun intitolat ghal dina l-pensjoni, ir-relief li qed jircievi bhalissa u cioe' €78.27 jizdied ghal cirka €100 fil-gimgha u dan dejjem jekk ighaddi mill-Bord Mediku.

Izid ighid li l-attur ma kienx intitolat ghall-pensjoni ta' invalidita' peress li biex tkun intitolat ghaliha, ikun jehtieg li jkun hallas certi ammonti ta' bolla u jkun hadem fis-sena ta' qabel tal-incident.

27. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem l-attur kien hemm tmien vetturi rregistrati fuq ismu, tlieta minnhom kienu "scrapped," tlieta minnhom iggaraxxjati u ghalhekk kien hemm biss tnejn fit-triq. Pero' kkonfermat li jekk l-attur iwahhal il-pjanci, dawk il-vetturi ggaraxxjati jistghu johorgu.[21] Fil-passat kellu erba' vetturi rregistrati fuq ismu.[22]

Il-pjanci tal-vetturi li huma ggaraxxjati jkunu ghand Transport Malta u jinhargu biss jekk issir talba mis-sid biex jintraddu lura, wara li jipprezenta c-certifikat tal-insurance, VRT jekk ikun hemm bzonn u jhallas licenzja tat-triq.

[21] Ara Dok. KC 1
[22] Ara Dok. KC2

28. Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tispjega li generalment l-access isir barra u jitolbu lill-attur biex jinfurmahom qabel ma jkun ser imur. Peress li m'ghandhomx numru fejn jistghu jikkomunikaw mieghu, ghandhom ftehim mieghu li hu jibghat email jew jinformahom dakinhar tal-access. Kienu jinfurmaw lill-konvenuta u lill-worker taghha fejn ikunu sejrin.

Il-konvenuta generalment isir taf meta ser ikun hemm access ftit sieghat qabel. Ikun hemm drabi fejn l-attur jittardja ftit.

Dwar l-incident fejn l-attur gidem idejn il-minuri F, dan ma kienx sar appositament imma biex jiccajta, izda turih li mhux qed tiehu pjacir. Ilum ghandha tlettax-il sena u mhux qed tiehu gost bl-access u li l-attur ighannaqha. L-access taht supervizjoni ilu ghaddej erba' snin u kien beda ma' huha, izda issa t-tifla tmur wahedha u l-access isir barra, qed tinsisti li tieqaf.

Tispjega li l-attur kellu diversi workers mieghu u kienu jinbidlu, pero' kien ghamel talba li ried wiehed ragel. Da parti tal-konvneuta gieli kien hemm ilmenti li l-workers kienu forsi dghajfa wisq, bhal meta l-attur gidem il-minuri. Recentement kienet inqalghet il-problema li l-partner tal-attur tkun prezenti waqt l-access peress li jsir fuq barra u ghalhekk kellhom jkellmuh biex il-partner tieghu ma toqghodx hdejhom waqt l-access. L-attur insista li l-partner tkun prezenti, minhabba li jhossu iktar sigur minhabba ragunijiet ta' sahha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**KURA U KUSTODJA**

L-attur qed jitlob li jkun hemm kura u kustodja ta' uliedu. Ghandu jinghad primarjament, li t-tifel G illum huwa maggorenni u ma tezistix iktar il-htiega li dina l-Qorti tiddeciedi dwar il-kura u kustodja tieghu.

It-tifla F llum ghandha tlettax-il sena. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet mhix wahda mill-ahjar. Hemm problemi kriminali, glied u piki bejn il-genituri, patafjun rapporti u proceduri rigward nuqqas ta' hlas ta' manteniment, kif ukoll diversi rapporti mill-Agenzija Appogg, li kienu u ghadhom qed isegwu l-access mill-qrib minhabba li jsir taht supervizjoni.

Ghandu jinghad kif illum il-minuri F tattendi ghall-access wahedha peress li huha, apparti li llum huwa maggorenni, kien gie awtorizzat biex ma jattendix izjed minhabba li dan l-access ma kienx qed iservi ta' gid ghalih.

Carmen Delicata li kienet giet appuntata minn dina l-Qorti fil-kapacita' taghha ta' terapista tal-familja, accennat ghall-fatt li ulied il-partijiet raw hafna u huwa minnu li l-konvenuta ma tantx izzomm il-*boundaries* bejn dawk li huma l-problemi taghha fejn jirrigwarda r-relazzjoni taghha mal-attur u r-relazzjoni mat-tfal. Taghraf li dan seta' kien li l-konvenuta kienet taghmel dan intenzjonjalment, izda c-cirkostanzi huma tali fejn minhabba li l-attur huwa involut f'diversi proceduri kriminali, peress li l-attur ghamel zmien diehel u hiereg mill-habs u sahanistra jidhol u johrog minn hajjithom kontinwament, iwassal biex ma jkunx hemm konsistenza u stabbilita' f'hajjithom.

Skond Delicata, l-attur jidher genwinament ihobb lit-tfal, pero' da parti tal-Appogg gharfu li t-tifla minuri F ma tantx tiehu gost fil-hinijiet tal-access u dan iktar u iktar illum peress li huha ma jkunx maghha. Dan huwa ukoll ikkonfermat minn Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg.

Meta dina l-Qorti ghandha quddiemha kaz fejn ghandha tiddeciedi dwar kura u kustodja, trid tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Mhuwiex importanti x'jixtieq il-genitur, huwa importanti biss x'inhu bzonnjuz u ta' beneficcju ghall-minuri.

Il-Qorti taghraf illi skond il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija regolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal u l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

> ***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

F, anke jekk forsi kienet izghar meta bdew il-problemi bejn il-genituri taghha, ghexet u trabbiet f'ambjent fejn il-Qorti, kazijiet kriminali relatati ma' droga u hold ups kienu parti mid-diskors giornaljier taghhom. Inevitabbilment il-preokkupazzjonijiet t'ommha saru taghha. Possibilment, l-attur ghandu mhabba lejn uliedu u din mhix qed tigi kkontestata, izda sfortunatament tebba' ismu minhabba l-involviment tieghu ma certu klikkek kriminali. Ma zbaljax darba u tghallem minnha. Le!! Anzi kompla jikkommetti reati jew gie akkuzat bihom, anke meta sar missier, tant hu hekk li ghandu fama hazina anke mal-pulizija u meta l-Ispettur Frank Sammut kien nizel biex jissorvelja l-preparamenti tal-Istrina xi hadd gibidlu l-attenzjoni li kien hemm l-attur u li dan kien maghruf bhala bniedem mhux affidabbli. Naturalment huwa dawn l-affarijiet li jippreokkupaw lill-konvenuta. Tixtieq trobbiha ghal uliedha, 'l boghod minn certi vizzji u ezempji hziena u sa certu punt din il-Qorti turi kull rispett u ammirazzjoni lejha ghax ittentat li tmexxi lil uliedha fit-triq it-tajba u G illum hareg iggradwat mill-Mcast u jahdem bhala mekkanik mal-kumpanija tal-Mercedes. Ta' dan din il-Qorti tnehhilha l-kappell!

Jekk dina l-Qorti kellha tasal biex tilqa' t-talba tal-attur biex ikun hemm kura u kustodja konguntiva tkun qed thott dak kollu li l-konvenuta ilha tipprova tibni, bil-konsegwenzi li tkun qed tpoggi lit-tifla minuri F f'ambjent xejn xieraq u tikkawzalha aktar ansjeta' u insigurta' li diga' jidher rifless fl-istess minuri, li dejjem tidher, skond ir-rapporti tal-Agenzija Appogg, fid-dell t'ommha l-konvenuta.

Fid-dawl ta' dan kollu u fl-ahjar interess tal-minuri, il-kura u kustodja tal-minuri F ghandha tibqa' esklussiva ghall-konvenuta.

**<u>ACCESS</u>**

Ghal diversi snin, l-access ilu jigi ezercitat taht supervizjoni u t-tifla tingabar mil-Ghassa ta' Birzebbuga u tigi rritornata mill-attur hemmhekk ukoll.

L-attur qed jilmenta li jekk kemm il-darba dina l-Qorti kellha tikkonferma li jkollu access ghal bintu minuri, dan ghandu jkun fl-inhawi ta' B'Kara peress li joqghod f'dawk l-inhawi.

Fit-2 ta' Novembru, 2010 (179/08 NC) kienet inghatat sentenza parzjali bejn il-kontendenti rigward il-kura u kustodja u access tat-tfal fejn kien gie stabbilit illi l-attur ikollu access kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn 4.00 pm u 6. 00 pm jew kif miftiehem hin iehor, liema hin ma jeccedix sitt sieghat u kull nhar ta' Sibt jew Hadd b'mod alternanti bejn l-10.00 am sa 12,00 pm jew jekk hekk miftiehem ghal hin ta' mhux aktar minn sitt sieghat wara l-10.00 am; il-minuri ghandhom jingabru u jigu ritornati mill-pjazza ta' Birzebbugia. Il-konvenuta ma kinitx issegwi dina s-sentenza u minflok kienet tehodhom l-ghassa ta' Birzebbugia.

Ghandu jinghad li l-ghases mhux l-ahjar ambjent minn fejn tifla minuri tibda l-access taghha ma' missierha, specjalment meta rat bizzejjed diga' f'hajjitha. Pero' dina l-Qorti tifhem 'l ghaliex il-konvenuta insistiet li l-access jibda u jispicca fl-ghassa ta' Birzebbugia. Huwa post li joffrilha sigurta' u post fejn ghandha l-assistenza tal-pulizija jekk ikun hemm xi theddid jew xi battibekki mal-attur. Xehdu diversi pulizija li kienu jew li huma stazzjonati l-ghassa ta' Birzebbugia u donnu l-partijiet huma maghrufin sew u saru parti mill-ghamara hemmhekk. L-istess membri tal-Korp ikkonfermaw li s-sitwazzjoni pjuttost hija taht kontroll u kienu familjari mal-kaz taghhom, tant li jafu x'jippretendu minghandu u kif ghandhom jirreagixxu.

Dan id-digriet inbidel 24 ta' Frar, 2014 fejn gie ordnat li l-access ghall-minuri ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha ghal saghtejn taht supervizjoni minn rapprezentant tal-Agenzija Appogg u f'Dicembru, 2017, l-access taht supervizjoni beda jsir barra mill-bini tal-Agenzija Appogg darba fil-gimgha ghal saghtejn shah.

Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg irrakkomandat illi ***"dan l-access ilu jsir b'supervizjoni minn 2015 u minkejja li dan l-ahhar beda jsir barra mill-agenzija xorta wahda jidher li m'hemmx wisq progress fir-relazzjoni bejn il-minuri u l-missier. Ghaldaqstant, il-professjonisti li jahdmu fuq dan il-kaz huma tal-umli fehma li f'dan l-istadju l-minuri tmur ghal assessment psikologiku sabiex titkellem fuq ir-relazzjoni taghha mal-genituri u tkun tista' tesprimi ruhha fuq ix-xewqat taghha."***

Di piu', il-konvenuta spjegat il-bizghat taghha mill-attur li kontinwament thossha ppersegwitatha, jew minnu stess jew jibghat lil xi hadd. Mhux l-ewwel darba li ssibu jsegwiha u jipprova jintimidaha. Fil-fatt, xehdet li l-attur realistikament qatt ma telaqha peress li kontinwament isibu ma' wiccha u ma jhallix bil-kwiet.

Tenut kont tac-cirkostanzi u kif diga' gie rilevat aktar 'l fuq, sabiex jigu evitati incidenti, li jidher li access fl-ghassa halla l-impatt tieghu, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tqajjem maltempata fejn hemm il-bnazzi u ghalhekk tikkonferma li l-access ghandu jibqa' jigi ezercitat skond id-digriet ta' dina l-Qorti datat 24 ta' Frar, 2014 u s-7 ta' Dicembru, 2017 fejn l-access ghall-minuri ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha ghal saghtejn taht supervizjoni minn rapprezentant tal-Agenzija Appogg, kif diga' qed isir, barra mill-Appogg, liema access ghandu jigi rivedut, anke jekk necessarjament hemm il-htiega li jieqaf, wara li ssir l-assessment psikologiku tal-minuri F, li minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-Agenzija Appogg dan ghadu ma sarx. Qabel ma jsir l-access jehtieg ikun hemm preavviz ta' 24 sieghat ghall-konvenuta.

## <u>MANTENIMENT</u>

L-attur qed jitlob li l-ammont ta' manteniment li ghandu jhallas fl-ammont ta' €140 ghal kull wild ghandu jigi ridott sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu.

L-attur ighid li jiffaccja problemi sabiex isib impjieg minhabba l-fedina penali tieghu u ghalhekk jirregistra u jiehu l-beneficcji socjali. Mill-provi jirrizulta ukoll li l-attur kien applika biex jahdem bhala *security*

*guard* u peress li l-*warrant* tinhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-kaz tieghu dan ma nharigx.

Recentement ukoll kien involut f'incident li hallih b'disabilita' permanenti u ghalhekk jinsisti li ma jistax jahdem. Presentement Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li qabel l-attur kien jirregistra ghax-xoghol u kien jircievi unemployment assistance (UA), pero' minn Frar, 2018 ma baqax jirregistra peress li m'ghadux tajjeb ghax-xoghol u beda jircievi ghajnuna socjali fl-ammont ta' €78.27 fil-gimgha, kif ukoll bonus addizjonali ta' €3.12 fil-gimgha ukoll. Kull Gunju u Dicembru, jircievi bonus tal-haddiema fis-somma ta' €135.10.

Dwar il-konvenut ikkonferma li ma kienx applika ghall-pensjoni ta' disabilita', pero' kien ipprezenta fil-21 ta' Frar, 2018 applikazzjoni ghall-pensjoni minhabba disabilita' severa.

Minkejja dan, hemm sensiela ta' drabi fejn l-attur ma pprezentax ir-rapporti medici jew m'attendix ghall-Bord li kien qed jezamina l-kaz tieghu. L-attur ghadu ma bediex jircievi dina l-pensjoni peress li naqas li jidher darbtejn quddiem il-Bord mediku u peress li kien ipprezenta certifikati medici ghaliex ma deherx, l-applikazzjoni ghadha pendenti u kellu jidher f'Ottubru, 2018. Jekk ikun intitolat ghal dina l-pensjoni, ir-relief li qed jircievi bhalissa u cioe' €78.27 jizdied ghal cirka €100 fil-gimgha u dan dejjem jekk ighaddi mill-Bord Mediku.

Izid ighid li l-attur ma kienx intitolat ghall-pensjoni ta' invalidita' peress li biex tkun intitolat ghaliha, ikun jehtieg li jkun hallas certi ammonti ta' bolla u jkun hadem fis-sena ta' qabel tal-incident.

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

Il-Qorti taghmel referenza ukoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro.et.noe. vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-26 ta' Frar, 2015, fejn inghad u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2016, illi l-Qorti m'ghandhiex ***"tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera."***

Wara li qieset il-fatti kollha u wara li rat is-sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament ippreseduta, datata 1 ta' Marzu, 2011 u diversi digriet sussegwenti li kkonfermaw dan l-ammont u cioe' s-somma ta' €140 ghal kull wild bhala manteniment u tenut kont tal-fatt li llum G sar maggorenni u jahdem, il-manteniment ghandu jkun limitat biss ghall-ghall-minuri F fl-ammont ta' €140 fix-xahar.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tichad l-ewwel talba attrici, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri F esklussivament lill-konvenuta;

2. Tichad it-tieni t-talba attrici, filwaqt li tilqa' l-kontro-talba tal-konvenuta u dan billi l-access ghall-minuri F ghandu jibqa' jigi ezercitat darba f'gimgha ghal saghtejn, taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, izda barra mill-bini tal-istess. It-tifla tingabar u ttiehed l-ghassa ta' Birzebbugia ghall-bidu u ghat-tmiem l-access, liema access ghandu jigi rivedut, anke jekk necessarjament hemm il-htiega li jieqaf, wara li ssir l-assessment psikologiku tal-minuri F, li minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-Agenzija Appogg dan ghadu ma sarx. Ghal kull buon fini dina l-Qorti tinnomina lil psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar ix-xewqat tal-minuri.

**3.** Tilqa' t-tielet talba attrici fis-sens illi tiddikjara li l-manteniment pagabbli ghall-minuri F huwa ta' €140 fix-xahar, dovut bil-quddiem, sa ma l-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena (18), jew sa ma

taghlaq l-eta’ ta’ tlieta w ghoxrin sena (23) jekk tibqa’ tistudja fuq bazi ‘full time’ u ma jkollhiex impieg fiss**.**

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**